MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2142/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Ciantar a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Joseph Ciantar**

**Vs**

**Rita Mizzi**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm145.70c (mija u hamsa w erbghin lira Maltin u sebghin centezmu) rapprezentanti d-danni kollha

sofferti mill-attur Joseph Ciantar assigurat tas-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ Lm120.70c (mija u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu), s-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited u kwantu ghall-ammont ta’ Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) l-istess Joseph Ciantar in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta’ Mejju, 2002 gewwa Triq Herikles, B’Bugia bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur Joseph Ciantar, bin-numru ta’ registrazzjoni EAP 276 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta’ registrazzjoni BBE 957, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, mperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tas-27 ta’ Gunju, 2003 u ta’ l-Ittra Ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba lis-socjeta’ assigurattrici Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta’ estera Royal and Sun Alliance Plc, u nteressi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali tas-27 ta’ Gunju, 2003 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;
Sema’ lil Dr Ramona Frendo tikkonferma bil-gurament li ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------